Kunsill Lokali Mgarr
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

## Seduta numru 54. Illum it-Tlieta, 26 ta' Mejju 2009

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali li saru nhar is-Sibt, 11 ta' Marzu 2006, ltaqghu fl-Ufficcju Amministrattiv fis-6.30 p.m. fuq l-Agenda Segwenti;

**Approvazzjoni tal-Minuti**
**Korrispondenza**
**Komunikazzjonijiet mis-Sindku**
**Offerta ghal Provvista u Nstallazzjoni ta' Lift ghall-estensjoni ta' l-Ufficcju**
**Applikazzjoni ghall-Progett ERDF**
**Insurance ghas-sena 2009-2010**
**Affarijiet Mixxelanji**

**PREZENTI**

Is-Sindku Paul Vella, Il-Vici Sindku Giovanni Gatt, Il-Kunsillier Victoria Sammut, Il-Kunsillier David Battistino, il-Kunsillier Agostino Ebejer

Il-laqgha giet immexxija mis-Sindku.

**MINUTI**

**<u>446.0 Approvazzjoni tal-Minuti</u>**

446.1 Wara li saret it-talba, is-Segretarju Ezekuttiv giet mitluba taqra l-Minuti tal-laqgha precedenti.

446.2 Waqt il-qari tal-Minuti, il-Vici Sindku Giovanni Gatt ghaddha rimarki minn taht l-ilsien u meta gie mistoqsi biex jaghmel il-punt tieghu quddiem il-Kunsill qajjem diskussjoni mqanqla dwar il-mod kif gew prezentati l-Minuti. Wara li ghamel il-punt tieghu u ghaddha rimarki dispregjattivi fil-konfront tas-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv, iddecieda li jitlaq mil-laqgha.

446.3 Billi ma kienx hemm korrezzjonijiet fuq il-Minuti, Is-Sindku rrakkomanda l-approvazzjoni tal-Minuti. Il-Kunsilliera approvaw il-Minuti u dawn gew ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv.

**<u>447.0 Punti mill-Minuti</u>**

447.1 Il-Kunsill irrimarka li b'zieda ma Item 444.3, ta min isemmi li l-Kunsill apprezza hafna l-ghajnuna kemm finanzjarja u kemm amministrattiva li inghatat mill-Ministeru ghall-Ambjent taht l-iskema Naturalment Malti biex il-Festa Frawli tkun organizzata b'mod ahjar mis-sena precedenti.

447.2 Il-Kunsill qabel li tigi nstallata bozza gdida ma propjeta fi Triq il-Hawlija, wara li gie spezzjonat is-sit in kwistjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

**448.0 Komunikazzjonijiet**

448.1 Is-Sindku nforma dwar l-oggezzjoni li saret mill-kumpanija Guillaimier dwar l-offerta ghall-installazzjoni ta' soffitti fl-estensjoni ta' l-Ufficcju Amministrattiv. Huwa ppropona li fuq rakkomandazzjoni ta' l-avukat u d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali it-tender tigi rtirata u decizjoni dwar jekk ghandiex tohrog offerta gdida jew le tittiehed mil-Legislatura li jmiss. Il-Kunsill qabel unanimament.

448.2 Is-Sindku ppropona li fid-dawl tan-numru ta' lmenti dwar il-linja safra li giet mizbugha fi Triq San Pawl ftit tal-jiem ilu, din tigi mnehhija b'mod immedjat. Il-Kunsill qabel.

448.3 Il-Kunsillier David Battistino ppropona li jigu mmarkati parking bays f'parti minn Triq il-Vanilja biex ikun hemm aktar ordni fil-parkegg. Is-Sindku ssekonda. Il-Kunsill qabel.

448.4 Is-Sindku ppropona li Triq il-Majjistral issir b'sistema ta' one way traffic mid-direzzjoni ta' Triq il-Kbira lejn Triq Vitale. IL-Kunsill qabel mal-proposta u se tintbaghat talba ghall-approvazzjoni mill-ADT.

448.5 Is-Sindku nforma dwar il-laqgha li saret il-MEPA nhar il-Gimgha, 22 ta' Mejju, dwar il-caravans li qed jithallew il-Gnejna ghal numru ta' granet. Ghal din il-laqgha kien prezenti s-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, ic-Chairman tal-MEPA, l-Ispettur Edmond Cuschieri, Dr. Roger Degiorgio u Dr. Richard Galea Debono, it-tnejn ta' l-ahhar jirraprezentaw is-sidien ta' l-art. Matul din il-laqgha ic-Chairman informa li se jiehu passi biex is-sitwazzjoni fil-Gnejna tigi rimedjata. Matul il-laqgha issemmiet l-applikazzjoni li dahlet il-Kunsill dwar installazzjoni ta' dawl f'wahda mill-kmamar fil-Gnejna. Is-Sidien ta' l-art infurmaw li bl-ebda mod mhu se jithalla li jsir xoghol fuq propjeta privata minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom.

**449.0 Korrispondenza**

449.1 Il-Kunsill innota li wara l-partecipazzjoni tieghu fl-iskema Energy Saving, gie offrut is-somma ta' € 2,300 biex ihejji dan il-progett. Il-Kunsill se jiddiskuti l-proposta u l-vijabilita ta' dan il-progett ma' l-Engineer tieghu.

449.2 l-Kunsill innota l-istima ghal servizz ta' sand sifting fil-bajja tal-Gnejna u kien hemm qbil li s-servizz isir f'nofs Gunju, f'nofs Lulju, fl-ewwel gimgha ta' Awissu u fit-Tielet gimgha ta' Awissu.

449.3 Il-Kunsill innota l-marki baxxi tar-rapport dwar il-kundizzjoni tal-gonna u soft areas fl-lmgarr u kien hemm qbil li ssir laqgha ma ufficjali ta' l-ELC, biex jirrimedjaw din is-sitwazzjoni.

Kunsill Lokali Mgarr

22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : 21 520011 Fax : 21 522252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt
*url : **www.mgarr.gov.mt***

**450.0 Offerta ghall- Provvista u Nstallazzjoni ta' Lift ghall-estensjoni tal-Ufficcju**

450.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qrat ir-rapport imhejji mill-Eng tal-Kunsill, l-Engineer Renzo Curmi, dwar l-Offerta ghall-provvista u Nstallazzjoni ta' Lift ghall-estensjoni tal-Ufficcju. L-Engineer irrakomanda li l-offerta msemmija tinghata lill-kumpanija SS Lifts, peress li din kienet l-orhos offerta u kienet konformi mal-kundizzjonijiet mitluba fl-offerta.

450.2 Is-Sindku ppropona li fid-dawl tar-rakkomandazzjoni tal-l-Engineer, tinghazel l-offerta ta' SS. Lifts. li tammonta ghal € 36,127. Il-Kunsill qabel unanimament.

**451.0 Applikazzjoni ghall-Progett ERDF**

451.1 Fid-29 ta' Mejju, l-Kunsill se jissottometti zewg applikazzjoniet ghall-progett ERDF, wiehed taht skema 313 u l-iehor taht skema 323. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li tmintax il-bidwi, li ghandhom l-ghalqa taghhom matul Triq l-Armagg u s-Santi qablu li jirrinovaw il-hajt tas-sejjieh taghhom taht din l-iskema u ghalhekk issottomettew applikazzjoni ghal dan il-ghan.

451.2 Il-Kunsill jittama li din l-applikazzjoni tintlaqa' b'mod posittiv.

**452.0 Insurance ghas-sena 2009-2010**

451.4 Il-Kunsill approva l-istima tal-kumpanija KDM Insurance ghall-assikurazzjoni tieghu ghas-sena 2009/2010 li ammontat ghal € 4796.48.

**453.0 Affarijiet Mixxelanji**

453.1 Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li l-arkejologista li qed tiehu hsieb il-progett tal-Gnien fil-Housing Estate ghaddiet rapport tas-sejbiet taghha lis-Sovrantendenza tal-Wirt Kulturali ghall-kummenti taghhom.

453.2 Il-Kunsillier Agostino Ebejer propona li tintbaghat kopja tal-Minuti tal-laqgha annwali lil dawk li kienu prezenti ghaliha. Il-Kunsill qabel.

453.3 Il-laqgha ntemmet fit-8.30p.m.

453.4 Is-Sindku sejjah laqgha ohra nhar il-Hamis, 11 ta' Gunju 2009

Christine Lewis
Segretarju Ezekuttiv

Paul Vella
Sindku